IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.9.2014
COM(2014) 553 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba
(applikazzjoni EGF/2013/002 BE/Carsid mill-Belġju)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-applikazzjonijiet imressqa sal-31 ta' Diċembru 2013 huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ir-'Regolament tal-FEG')[1].

2. Fit-2 ta' April 2013, il-Belġju ressaq l-applikazzjoni EGF/2013/002 BE/Carsid għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji marbuta mal-għeluq tal-impjant tal-produzzjoni ta' Carsid SA ('Carsid')[2] f'Marcinelle qrib Charleroi[3]. L-applikazzjoni kienet issupplementata minn informazzjoni addizzjonali sal-4 ta' Lulju 2014.

3. Wara li eżaminat din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament tal-FEG, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG:	EGF/2013/002 BE/Carsid
Stat Membru:	Il-Belġju
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:	2.4.2013
Kriterju tal-intervent:	L-Artikolu (2)(a) tar-Regolament tal-FEG
Intrapriża primarja:	Carsid SA
Numru ta' fornituri u produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni:	0
Perjodu ta' referenza:	28.9.2012-28.1.2013
Id-data meta nbdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema fil-mira:	1.10.2012
Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza:	939
Għadd ta' sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza:	0
Għadd totali ta' sensji:	939
L-għadd ta' persuni li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri:	752
Baġit għal servizzi personalizzati:	EUR 1 760 869
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG:	EUR 63 000 (3,5 % tal-baġit totali)
Baġit totali:	EUR 1 823 869
Kontribuzzjoni finanzjarja mitluba mill-FEG:	EUR 911 934 (50 % tal-baġit totali)

ANALIŻI TAL-APPLIKAZZJONI

Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni

4. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, l-awtoritajiet Belġjani jargumentaw

[1] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.


[2] Carsid kienet tipproduċi folji tal-azzar maħsuba għal aktar ipproċessar minn impjanti li jappartjenu lill-grupp Duferco fil-Belġju (prinċipalment għall-produzzjoni ta' prodotti rrumblati bis-sħana u prodotti rrumblati fil-kiesaħ użati fis-setturi tal-kostruzzjoni, tat-tagħmir tat-trasport u tal-karozzi). Bejn l-2006 u l-2011 Carsid kienet parti minn impriża konġunta bejn Duferco u NLMK. Għaldaqstant, din l-applikazzjoni hija marbuta mal-applikazzjoni EGF/2013/007 BE/Hainaut steel (Duferco-NLMK).

[3] Din l-applikazzjoni tissostitwixxi l-applikazzjoni EGF/2012/009 BE/Carsid li ġiet irtirata mill-awtoritajiet Belġjani.

li s-settur tal-produzzjoni tal-azzar grezz b'ikkastjar kontinwu (li jinkludi billetti, vireg tal-ħadid u ċangaturi), li fih kienet topera Carsid, għadda minn taqlib ekonomiku serju, b'mod partikolari tnaqqis rapidu fis-sehem tas-suq tal-UE.

5. Skont id-dejta msemmija mill-awtoritajiet Belġjani[4], bejn l-2006 u l-2011, il-produzzjoni tal-azzar grezz b'ikkastjar kontinwu fl-UE-27 naqset minn 197,1 miljun tunnellata għal 170,8 miljun tunnellata (− 13,4 %; − 2,8 % ta' tkabbir annwali[5]), filwaqt li fil-livell dinji, il-produzzjoni żdiedet minn 1 149,6 miljun tunnellata għal 1 438,3 miljun tunnellata (+ 25,1 %; + 4,6 % ta' tkabbir annwali). Dan wassal għal żieda fis-sehem mis-suq tal-UE-27 fil-produzzjoni tal-azzar grezz b'ikkastjar kontinwu, imkejla f'termini ta' volum, minn 17,1 % fl-2006 għal 11,9 % fl-2011 (− 30,7 %; − 7,1 % ta' tkabbir annwali). B'paragun, matul l-istess perjodu, is-sehem mis-suq taċ-Ċina żdied minn 35,5 % għal 46,8 % (+ 32,0 %; + 5,7 % ta' tkabbir annwali), filwaqt li l-ishma mis-suq tal-akbar ħames produtturi l-oħra (li flimkien jirrappreżentaw madwar 25 % għal 30 % tal-produzzjoni dinjija) jew naqsu, għalkemm f'livell inqas milli għall-UE-27 (il-Ġappun, l-Istati Uniti, ir-Russja), jew żdiedu moderatament (il-Korea t'Isfel, l-Indja). Din id-dejta għalhekk turi tnaqqis rapidu fis-sehem mis-suq tal-UE fis-settur tal-produzzjoni tal-azzar grezz b'ikkastjar kontinwu fil-livell dinji.

Is-sehem mis-suq fil-produzzjoni tal-azzar grezz b'ikkastjar kontinwu fil-livell dinji (volum)




Sors: Assoċjazzjoni Dinjija tal-Azzar, kalkoli proprji.

6. Kif jidher fiċ-ċifra ta' hawn taħt, bejn l-2002 u l-2011, l-importazzjonijiet ta' ingotti u prodotti tal-azzar lesti parzjalment[6] fl-UE-27 żdiedu minn 13,3 miljun tunnellata għal 18,1 miljun tunnellata (+ 36,8 %; + 3,5 % ta' tkabbir annwali), filwaqt li l-esportazzjonijiet ta' tali prodotti baqgħu ġeneralment stabbli, billi varjaw minn 11,0 miljun tunnellata għal 10,8 miljun tunnellata (− 1,8 %; − 0,2 % ta' tkabbir annwali), u b'hekk wasslu għal deterjorament ġenerali tal-bilanċ tal-kummerċ (− 13,9 % ta' tkabbir annwali).

4 Sors: Assoċjazzjoni Dinjija tal-Azzar, *Steel Statistical Yearbook 2012*.
5 Rata komposta ta' tkabbir annwali.
6 Din il-kategorija statistika tinkludi ingotti, billetti, vireg tal-ħadid u ċangaturi.

Importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' ingotti u prodotti tal-azzar lesti parzjalment fl-UE-27 (000 tunnellata)



Sors: Assoċjazzjoni Dinjija tal-Azzar.

7. L-effetti ta' dawn il-bidliet fix-xejriet kummerċjali marru għall-agħar minħabba fatturi oħra, bħal tnaqqis fid-domanda tal-azzar fis-setturi tal-karozzi u tal-kostruzzjoni fl-UE bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u żieda relattiva fl-ispejjeż tal-produzzjoni (materja prima, enerġija, limitazzjonijiet ambjentali, eċċ.). Dawn il-fatturi għamlu ħsara lill-kompetittività tal-industrija tal-azzar tal-UE u wasslu għal għadd kbir ta' telf ta' impjiegi fis-settur tal-azzar f'dawn l-aħħar snin minħabba l-għeluq ta' impjanti u r-ristrutturar minn diversi manifatturi tal-azzar fl-Ewropa[7]. Pereżempju, bejn l-2008 u l-2013, l-għadd ta' persuni impjegati fl-industrija metallurġika (NACE Rev. 2 diviżjoni 24 'Manifattura ta' metalli bażiċi') fl-UE-27 naqas b'madwar 280 000 minn 1,44 miljun għal 1,16-il miljun (− 19,4 %)[8].

8. Mill-bidu tal-FEG fl-2007, kien hemm erba' applikazzjonijiet tal-FEG fis-settur tal-azzar[9]. Tlieta minn dawn l-applikazzjonijiet kienu marbuta ma' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni[10] u waħda mal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali[11].

Għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

9. L-applikazzjoni hija bbażata fuq il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament tal-FEG, li tirrikjedi mill-inqas 500 sensja fuq perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru.

10. L-applikazzjoni tikkonċerna 939 sensja li saru matul perjodu ta' erba' xhur mit-28 ta' Settembru 2012 sat-28 ta' Jannar 2013. Is-sensji kollha ġew ikkalkulati mid-data tal-avviż individwali tal-impjegatur ta' waqfien mix-xogħol jew ta' tmiem tal-

---

7 cf. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta' Azzjoni għal industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa (COM(2013) 407.

8 Sors: Eurostat (kodiċi ta' dejta onlajn: lfsa_egan22d). Id-dejta dwar l-impjiegi skont is-settur mhijiex disponibbli f'livell aktar diżaggregat mil-livell ta' diviżjoni NACE Rev. 2.

9 Ara l-bażi ta' dejta tal-FEG, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=582.

10 Ara l-abbozz tal-proposti tal-Kummissjoni fuq il-każijiet EGF/2009/022 BG/Kremikovtsi (applikazzjoni miċħuda mill-Kummissjoni), EGF/2012/010 RO/ Mechel (Deċiżjoni COM(2014) 255 finali tas-7.5.2014), EGF/2013/007 BE Hainaut steel (Duferco-NLMK) (applikazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni fis-27 ta' Settembru 2013).

11 Każ EGF/2010/007 AT/Steiermark / Niederösterreich. Id-Deċiżjoni 2011/652/UE tas-27 ta' Settembru 2011 (ĠU L 263, 7.10.2011, p. 9).

kuntratt tax-xogħol tal-ħaddiem, kif stabbilit fl-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-FEG ('metodu 1').

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

11. L-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li s-sensji f'Carsid ma setgħux jiġu previsti. Fl-2007, Carsid investiet EUR 100 miljun fir-rinnovazzjoni tal-forn tal-blast tagħha u EUR 27 miljun fit-titjib ambjentali. Fl-2008, din ordnat tagħmir biex tibda tiżviluppa l-produzzjoni ta' prodotti b'valur miżjud għoli u tal-azzar bil-vakwu. Carsid kienet irċeviet ukoll kwoti tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-perjodu 2008-2013 u kienet talbet kwoti tas-CO_2 għall-perjodu wara l-2013. Madankollu, f'Novembru 2008, minħabba t-tnaqqis fid-domanda dovut għall-kriżi ekonomika, Carsid iddeċidiet li twaqqaf temporanjament l-attivitajiet tal-produzzjoni tagħha. Wara ftehim mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, il-ħaddiema tal-linja ta' produzzjoni tpoġġew f'sitwazzjoni ta' qgħad temporanju full-time, filwaqt li għall-ħaddiema tal-uffiċċju u d-diriġenti ġew previsti skemi ta' kreditu ta' ħin jew ta' ħin tax-xogħol imnaqqas. Bejn l-2008 u l-2011, Carsid irreġistrat telf sinifikanti. Fl-2011, Carsid bdiet tfittex xerrejja potenzjali iżda ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonkludi ftehim ta' akkwist. Eventwalment, f'Marzu 2012, Carsid informat lill-kunsill tax-xogħol tagħha li kienet iddeċidiet li tagħlaq l-impjant u li twettaq sensji kollettivi.

Identifikazzjoni tal-ħaddiema fil-mira

12. L-awtoritajiet Belġjani jistmaw li 752 mid-939 ħaddiem li ngħataw is-sensja se jieħdu sehem fil-miżuri kofinanzjati mill-FEG[12].

13. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira skont is-sess, in-nazzjonalità u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' ħaddiema fil-mira
Sess:	Irġiel:	740
	Nisa:	12
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	723
	Ċittadini mhux tal-UE:	29
Grupp ta' età:	15-24 sena:	0
	25-54 sena:	595
	55-64 sena:	157
	Età 'l fuq minn 65 sena:	0

14. L-ebda wieħed mill-ħaddiema fil-mira ma għandu problema ta' saħħa fit-tul jew diżabbiltà.

15. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira skont il-kategorija okkupazzjonali[13] huwa kif ġej:

Grupp ewlieni tal-ISCO-08	Għadd ta' ħaddiema fil-mira

[12] Il-187 ħaddiem l-oħra jew irrifjutaw li jirreġistraw biex jibbenefikaw minn miżuri ta' riallokazzjoni jew iddeċidew li jitolbu eżenzjoni (billi kellhom aktar minn 58 sena jew kellhom aktar minn 38 sena ta' anzjanità).

[13] Gruppi ewlenin rilevanti tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO-08).

1 Maniġers	34
2 Professjonisti	28
3 Tekniċi u professjonisti assoċjati	68
4 Ħaddiema ta' appoġġ klerikali	27
5 Ħaddiema involuti fil-qasam tas-servizzi u tal-bejgħ	19
7 Ħaddiema fil-qasam tal-artiġjanat u snajja' relatati	256
8 Operaturi tal-impjanti u tal-magni u dawk li jimmuntawhom	320
9 Xogħlijiet elementari	0
Mhux magħruf / mhux disponibbli	0

16. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG, l-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li l-prinċipji ta' trattament indaqs u ta' nondiskriminazzjoni se jiġu rrispettati fir-rigward tal-aċċess għall-miżuri u l-implimentazzjoni tagħhom.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati tiegħu

17. Is-sensji f'Carsid jaffettwaw primarjament id-distrett ta' Charleroi fil-provinċja ta' Hainaut, fir-Reġjun tal-Vallonja fin-Nofsinhar tal-Belġju. Iż-żona ta' Charleroi (in-Nofsinhar ta' Hainaut) hija żona fejn qabel kien hemm il-minjieri tal-faħam u l-produzzjoni tal-azzar fejn l-impjieg jiddependi b'mod qawwi fuq l-industrija peżanti tradizzjonali. Fl-2012, ir-rata tal-qgħad fiż-żona ta' Charleroi (distrett) kienet 21,6 %, meta mqabbla ma' 15,8 % bħala medja fir-Reġjun tal-Vallonja u 11,2 % fil-livell nazzjonali. Ir-rata tal-qgħad (50,6 %) kienet ferm aktar baxxa mill-medji reġjonali u nazzjonali (69,0 % u 61,3 % rispettivament)[14]. Fl-2012, madwar 42 % ta' dawk li kienu qed ifittxu impjieg irreġistrati fid-direttorat reġjonali ta' Charleroi (FOREM) kienu ilhom qiegħda għal aktar minn sentejn u 58 % ma kellhomx edukazzjoni sekondarja għolja[15].

18. Il-miżuri huma implimentati minn FOREM (is-servizz pubbliku tal-impjiegi u tat-taħriġ tar-Reġjun tal-Vallonja) permezz ta' Unità ta' Riallokazzjoni (*cellule de reconversion*) imwaqqfa speċifikament bħala parti mill-obbligi ġuridiċi għall-proċedura ta' sensji kollettivi[16]. L-Unità ta' Riallokazzjoni ta' Carsid hija ġestita minn kumitat li jgħaqqad flimkien rappreżentanti mis-servizzi pubbliċi tal-Vallonja inkarigati mill-impjiegi, it-taħriġ, u l-affarijiet ekonomiċi, FOREM, trejdjunjins, u organizzazzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali u bbażati fuq is-settur.

19. Barra minn FOREM, l-organizzazzjonijiet l-oħra involuti fil-koordinazzjoni ġenerali u fl-implimentazzjoni tal-miżuri għalhekk jinkludu:

- il-Gvern tal-Vallonja (il-Ministru President tar-Reġjun tal-Vallonja responsabbli għall-koordinazzjoni tal-Fondi Strutturali, Ministru għall-Impjiegi u t-Taħriġ, Ministru għall-Ekonomija);
- it-trejdjunjins (FGTB, CSC);
- iċ-ċentri ta' taħriġ vokazzjonali u teknoloġiku settorjali attivi fir-Reġjun tal-Vallonja (*centres de compétences*)[17];

[14] Sors: Steunpunt WSE.

[15] Sors: FOREM.

[16] Ara l-paragrafu 29.

[17] Is-*centres de compétences* iwettqu attivitajiet ta' taħriġ, studji prospettivi u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar okkupazzjonijiet jew setturi speċifiċi. Is-*centres de compétences* huma

– l-Aġenzija tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) tal-Komunità Franċiża tal-Belġju.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

20. Is-sensji f'Carsid huma mistennija li jżidu l-qgħad b'mod sinifikanti fiż-żona ta' Charleroi (in-Nofsinhar ta' Hainaut). Kif indikat hawn fuq, iż-żona ta' Charleroi hija kkaratterizzata minn livell għoli ta' qgħad, bi proporzjon għoli ta' qgħad fit-tul u livelli baxxi ta' kwalifiki u ta' ħiliet. Il-kriżi ekonomika kellha impatt aktar qawwi fiż-żona ta' Charleroi meta mqabbla mal-bqija tal-Vallonja. L-istruttura settorjali tal-impjieg fiż-żona ta' Charleroi tispjega parzjalment din ix-xejra billi l-industrija tal-manifattura għandha rwol aktar b'saħħtu milli fil-bqija tal-Vallonja. B'mod ġenerali, is-settur tal-manifattura jirrappreżenta għadd kbir ta' impjiegi (19 500) u jidher bħala speċjalizzazzjoni tan-Nofsinhar ta' Hainaut. Madankollu, l-għadd ta' impjiegi fis-settur tal-manifattura fin-Nofsinhar ta' Hainaut naqas drastikament f'dawn l-aħħar snin (− 15,3 % bejn l-2007 u l-2012), partikolarment fis-setturi fejn il-kumpaniji ħafna drabi jimpjegaw għadd kbir ta' ħaddiema, eż. il-manifattura ta' makkinarju u tagħmir (eż. Caterpillar): − 970 impjieg (− 18,6 %), metallurġija (eż. Carsid, Industeel, Aperam, Thy-Marcinelle): − 110 impjiegi (− 30,6 %), il-manifattura ta' prodotti fabbrikati mill-metall (eż. Cofely Fabricom): − 399 impjieg (− 12,3 %) u l-manifattura ta' tagħmir tat-trasport ieħor (eż. Sonaca, SABCA): − 160 impjieg (− 5,5 %). L-abbiltà ta' kumpaniji lokali attivi f'dawn is-setturi li jimpjegaw l-għadd ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja minn Carsid, hija limitata ħafna. Minħabba t-tnaqqis fl-impjiegi fil-manifattura anki fiż-żoni ġirien ta' Namur u fiċ-Ċentru, x'aktarx li dawn il-ħaddiema jridu jitħarrġu mill-ġdid biex isibu impjieg f'xogħlijiet oħra u f'setturi oħra.

Servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u t-tqassim tal-ispejjeż stmati

21. Il-FEG se jikkofinanzja biss uħud mill-miżuri li jagħmlu parti mill-azzjonijiet implimentati mill-awtoritajiet Belġjani biex jappoġġjaw lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minn Carsid. Għaldaqstant, il-miżuri li huma obbligatorji skont il-proċeduri ta' sensji kollettivi fil-Belġju u li huma mwettqa bħala parti mill-attivitajiet standard tal-Unità ta' Riallokazzjoni (eż. l-appoġġ għar-rikollokament, it-taħriġ, l-għajnuna għat-tiftix tax-xogħol, u parir dwar il-karrieri, eċċ.)[18] mhumiex inklużi f'din l-applikazzjoni tal-FEG. Is-sett ta' miżuri globali (miżuri obbligatorji u miżuri tal-FEG) huma ġestiti minn FOREM.

22. Is-servizzi personalizzati pprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala parti mill-azzjonijiet li għandhom jiġu kofinanzjati mill-FEG jikkonsistu f'dawn il-miżuri (raggruppati skont il-kategorija)[19]:

(1) Għajnuna għat-tiftix ta' impjieg individwali, servizzi ta' ġestjoni tal-każijiet u informazzjoni ġenerali:

– *Riallokazzjoni (appoġġ / gwida/ integrazzjoni):* Dan is-sett ta' servizzi jibni fuq l-attivitajiet standard imwettqa mill-Unità ta' Riallokazzjoni. Is-servizzi se jingħataw minn tim ta' persunal tal-FOREM (maniġer tal-proġett, konsulenti speċjalizzati) bi sħubija ma' eks rappreżentanti tal-ħaddiema li jaġixxu bħala

mwaqqfa bi sħubija mir-Reġjun tal-Vallonja, FOREM, l-imsieħba soċjali mis-setturi kkonċernati, iċ-ċentri ta' riċerka, u l-universitajiet.

18 Ara l-paragrafu 29.

19 Fis-sottomissjoni tagħhom tal-4 ta' Lulju 2014, l-awtoritajiet Belġjani emendaw b'mod sinifikanti s-sett ta' miżuri sabiex dawn jikkorrispondu mal-istatus attwali ta' implimentazzjoni tal-miżuri. Diversi miżuri li kienu inizjalment ippjanati issa mhumiex inklużi fl-applikazzjoni.

'assistenti soċjali' (*accompagnateurs sociaux*) biex il-ħaddiema jitħeġġu jieħdu sehem fil-miżuri u biex jgħinuhom bil-proċeduri amministrattivi. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kuntatti bejn il-ħaddiema, is-servizzi huma pprovduti b'mod konġunt lill-ħaddiema kollha li ngħataw is-sensja f'bini apposta. Is-servizzi jkopru tliet tipi ta' attività: (i) informazzjoni kollettiva dwar tekniki ta' tiftix ta' impjieg (kif għandhom jinkitbu CV u ittra ta' applikazzjoni, l-użu tar-riżorsi onlajn, eċċ.), spjegazzjonijiet dwar ir-regolamenti fuq ix-xogħol (rikollokament, qgħad, kuntratt ta' impjieg, pensjoni), sensibilizzazzjoni dwar id-diskriminazzjoni, preżentazzjoni tal-okkupazzjonijiet u s-setturi b'potenzjal, eċċ.; (ii) intervisti individwali ma' konsulent tal-FOREM (verifika tal-ħiliet, perkors tal-karriera, gwida dwar it-taħriġ, eċċ.); (iii) aċċess liberu u miftuħ għal għodod għat-tiftix ta' impjieg (tagħmir tal-IT b'konnessjoni tal-Internet, telefown, dokumentazzjoni speċjalizzata, eċċ.). Din il-miżura se tkun tikkonċerna 752 ħaddiem kollha fil-mira, għal perjodu massimu ta' 24 xahar. FOREM se jwettaq ukoll attivitajiet speċifiċi biex jiffaċilita t-tiftix tal-impjieg u biex jingħelbu d-diffikultajiet fil-proċess ta' riallokazzjoni. Dan jinkludi laqgħat bejn il-ħaddiema li ngħataw is-sensja u l-impjegaturi potenzjali (it-tqabbil tal-impjiegi), żjarat tal-kumpaniji, laqgħat ma' persuni li jirreklutaw għat-tħejjija ta' intervisti għax-xogħol, u skambji ta' esperjenza ma' ħaddiema oħra li jkunu diġà tħarrġu mill-ġdid jew li sabu impjieg wara sensja kollettiva.

(2) Taħriġ u taħriġ mill-ġdid:

– *Taħriġ integrat:* Jistgħu jiġu proposti tipi differenti ta' korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali għas-752 ħaddiem kollha fil-mira (skont it-tip ta' kors) jew minn FOREM jew mis-*centres de competences* jew minn IFAPME[20]. Bħala pass inizjali, il-persunal ta' FOREM se jgħin lil kull parteċipant biex jiddefinixxi l-miri tiegħu relatati max-xogħol u jiggwidah lejn wieħed minn tliet tipi ta' moduli ta' taħriġ. Il-ħaddiema li jistgħu jitħarrġu mill-ġdid għal okkupazzjoni simili għal dik li kellhom f'Carsid, jistgħu jew isegwu modulu speċifiku jew ta' speċjalizzazzjoni (40 siegħa) sabiex jadattaw il-kompetenzi tagħhom u jaġġornawhom (eż. operatur tat-trakk tat-tagħbija, proċess ta' wweldjar speċifiku, ħiliet tal-IT), jew kors supplementari li jwassal għal kwalifiki ġodda (320 siegħa), li jippermetti lill-ħaddiema japplikaw għal impjiegi f'okkupazzjoni ġdida fis-settur industrijali. Għal taħriġ mill-ġdid f'settur ta' attività differenti għal kollox, il-ħaddiema jistgħu jsegwu kors ta' taħriġ okkupazzjonali (medja ta' 960 siegħa) sabiex jiksbu l-kompetenzi meħtieġa għal din l-okkupazzjoni. Fi tmiem kull modulu ta' taħriġ, il-ħiliet ġodda jistgħu jiġu evalwati u ddokumentati. Skont it-tip ta' taħriġ u l-qasam tal-kompetenzi, il-parteċipanti se jingħataw jew ċertifikazzjoni tal-ħiliet formali (jiġifieri ċertifikat ta' kompetenza), ċertifikat ta' attendenza (għal kompetenzi jew okkupazzjonijiet li għalihom ma teżisti l-ebda ċertifikazzjoni formali) jew validazzjoni tal-ħiliet (għal ħiliet u kompetenzi miksuba barra mill-korsijiet ta' taħriġ formali). Iċ-ċertifikazzjoni formali tal-ħiliet hija vverifikata permezz ta' testijiet ta' valutazzjoni li jwasslu għall-għoti ta' 'Ċertifikat tal-Ħiliet Miksuba permezz tat-Taħriġ' (*Certificat des Compétences Acquises en Formation – CECAF*). Il-validazzjoni tal-ħiliet hija vverifikata permezz ta' testijiet ta'

[20] IFAPME (Institut wallon de Formation en Alternance et des indépendants et Petites et Moyennes Entreprises) huwa istitut ta' taħriġ pubbliku li jipprovdi taħriġ doppju relatat max-xogħol f'forma ta' apprendistati u korsijiet speċifiċi għal maniġers tal-SMEs.

valutazzjoni li jwasslu għall-għoti ta' kredenzjali tal-ħiliet (*titres de compétences*).

– *Trasferiment ta' esperjenza:* Il-ħaddiema b'esperjenza jistgħu jtejbu l-ħiliet u l-għarfien tagħhom billi jsiru għalliema jew ħarrieġa f'edukazzjoni teknika. Se jiġi żviluppat modulu speċifiku ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ minn qabel minn FOREM u mill-federazzjonijiet tad-diversi fergħat tal-edukazzjoni teknika biex iħeġġeġ ċerti ħaddiema ħalli jitħarrġu biex isiru għalliema vokazzjonali. Il-modulu se jinkludi l-għoti ta' informazzjoni speċifika, appoġġ tekniku, laqgħat ma' prattikanti u żjarat fuq il-post. Il-modulu se jdum tmien ġimgħat u se jkun immirat lejn madwar 10 ħaddiema.

23. Dawn il-miżuri jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

24. L-ispejjeż totali tal-miżuri huma stmati għal EUR 1 823 869, li jinkludu EUR 1 760 869 għal servizzi personalizzati u EUR 63 000 għall-implimentazzjoni tal-FEG (3,5 % tal-ispejjeż totali). Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 911 934 (50 % tal-ispejjeż totali).

Miżuri	L-għadd ta' ħaddiema li huma stmati li qegħdin fil-mira	Stima tal-ispiża għal kull ħaddiem fil-mira (EUR)*	L-ispejjeż totali (il-FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR)*
Servizzi personalizzati:			
(1) Għajnuna għat-tiftix ta' impjieg individwali, ġestjoni tal-każijiet u servizzi ta' informazzjoni ġenerali:			
– Riallokazzjoni (appoġġ / gwida / integrazzjoni)	752	1 803	1 355 569
(2) Taħriġ u taħriġ mill-ġdid:			
– Taħriġ integrat	752	535	402 300
– Trasferiment ta' esperjenza	10	300	3 000
Subtotal:	–	–	1 760 869
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG:			
1. Attivitajiet preparatorji	–	–	0
2. Ġestjoni	–	–	19 200
3. Informazzjoni u reklamar	–	–	43 800
4. Attivitajiet ta' kontroll	–	–	0
Subtotal:	–	–	63 000
Spejjeż totali:	–	–	1 823 869
Kontribuzzjoni tal-FEG (50 % tal-ispejjeż totali)	–	–	911 934

* Ċifri mqarrba.

25. L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li l-miżuri huma komplementari mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali u li hemm fis-seħħ mekkaniżmi xierqa biex jipprevjenu l-finanzjament doppju.

Id-data meta nbdew jew meta huwa maħsub li jinbdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema fil-mira

26. L-awtoritajiet Belġjani bdew jipprovdu s-servizzi personalizzati lill-ħaddiema fil-mira fl-1 ta' Ottubru 2012. Għaldaqstant, in-nefqa fuq dawn il-miżuri hija eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG minn dik id-data.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

27. Il-miżuri huma r-riżultat ta' bosta diskussjonijiet u laqgħat preparatorji organizzati bejn Awwissu 2012 u Jannar 2013 fost id-diversi msieħba soċjali involuti. Kif imsemmi hawn fuq, it-trejdjunjins huma direttament involuti fil-ġestjoni tal-Unità ta' Riallokazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri.

28. L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar sensji kollettivi.

Informazzjoni dwar azzjonijiet li huma obbligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi

29. Skont il-leġiżlazzjoni federali Belġjana[21], il-kumpaniji li jwettqu sensji kollettivi jridu jipprovdu servizzi ta' rikollokament lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja. It-tul ta'

[21] *Arrêté royal relatif à la gestion active des restructurations du 9 mars 2006* (Belgisch Staatsblad / Moniteur Belge, 31.3.2006, éd. 2, p. 18309).

żmien tas-servizzi ta' rikollokament irid ikun ta' mill-inqas 30 siegħa fuq tliet xhur għall-ħaddiema taħt l-età ta' 45 sena u ta' mill-inqas 60 siegħa fuq sitt xhur għall-ħaddiema ta' 45 sena u aktar. Il-ħaddiema kollha mhux temporanji jridu jieħdu sehem f'tali servizzi ta' rikollokament, ħlief fil-każ ta' derogi speċifiċi. Skont il-leġiżlazzjoni tal-Vallonja[22], l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-ħaddiema jistgħu jitolbu lil FOREM biex iwaqqaf Unità ta' Riallokazzjoni sabiex tipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Id-deċiżjoni minn FOREM li jwaqqaf Unità ta' Riallokazzjoni hija diskrezzjonali u l-impjegaturi jew il-ħaddiema mhumiex obbligati li jieħdu sehem fil-miżuri mwettqa minn Unità ta' Riallokazzjoni. Madankollu, is-servizzi pprovduti mill-Unitajiet ta' Riallokazzjoni jistgħu jitqiesu li jissodisfaw l-obbligi ġuridiċi fir-rigward tas-servizzi ta' rikollokament.

30. L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li:

– il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tieħu post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-intrapriżi skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi[23];

– il-miżuri jipprovdu appoġġ għall ħaddiema individwali u ma jintużawx għar-ristrutturar tal-intrapriżi jew tas-setturi;

– il-miżuri mhux se jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni[24].

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

31. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni dettaljata tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-kumitat ta' tmexxija magħmul mill-organizzazzjonijiet kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-FEG jiżgura li jkun hemm koordinazzjoni u segwitu globali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi bħall-FSE. Entità waħda fi ħdan l-Aġenzija tal-FSE għall-Federazzjoni Vallonja-Brussell (dik li qabel kienet il-Komunità Franċiża tal-Belġju) se taġixxi bħala awtorità ta' ġestjoni u entità separata oħra fi ħdan l-Aġenzija tal-FSE se taġixxi bħala awtorità tal-pagament. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Federazzjoni Vallonja-Brussell se taġixxi bħala awtorità ta' ċertifikazzjoni u FOREM se jaġixxi bħala entità intermedjarja.

Finanzjament

32. L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[25] jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) fil-limitu massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011) minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

---

22 *Décret de la Région wallonne relatif au plan d'accompagnement des reconversions du 29 janvier 2004* (Belgisch Staatsblad / Moniteur Belge, 10.3.2004, p. 13547).

23 Permezz tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-awtoritajiet Belġjani se jkunu jistgħu jestendu l-għoti ta' servizzi ta' rikollokament lil hinn mill-perjodi obbligatorji u jwettqu miżuri addizzjonali. Għall-kalkolu tal-ispejjeż allokati għall-FEG, l-awtoritajiet Belġjani se jqisu l-miżuri mwettqa matul il-perjodu tal-obbligu ġuridiku (dan jirrigwarda biss il-miżura 'Riallokazzjoni (appoġġ / gwida / integrazzjoni)'. In-numru ta' sigħat ta' servizzi ta' rikollokament imwettqa matul il-perjodu obbligatorju se jitnaqqas mit-total tan-numru ta' sigħat ta' servizzi ta' rikollokament li kull benefiċjarju fil-mira jkun ibbenefika minnhom.

24 Appoġġ finanzjarju mill-FSE ngħata taħt l-Assi 2.2 tal-Programm Operazzjonali ta' Konverġenza għall-2008-2013 għal proġett (EnTrain – En Transition-Reconversion-Accompagnement) li kellu l-għan li jiżviluppa metodi pedagoġiċi għall-Unitajiet ta' Riallokazzjoni b'mod ġenerali.

25 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

33. Filwaqt li tqis l-ammont massimu possibbli ta’ kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG u l-ambitu għar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni mitluba (EUR 911 934), li tirrappreżenta 50 % tal-ispejjeż totali tal-miżuri proposti.

34. Id-deċiżjoni proposta biex jiġi mobilizzat il-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba[26].

35. B’mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta’ trasferiment sabiex fil-baġit tal-2014 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi ta’ impenn, kif mitlub fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta’ Diċembru 2013.

Sors tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament

36. Se jintużaw approprjazzjonijiet allokati lil-linja baġitarja tal-FEG fil-baġit tal-2014 biex ikopru l-ammont ta’ EUR 911 934.

[26] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2013/002 BE/Carsid mill-Belġju)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[27], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[28], u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[29],

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni u biex jiġu megħjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[30].

(3) Il-Belġju ressaq applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża Carsid SA, fit-2 ta' April 2013 u ssupplimentaha b'informazzjoni addizzjonali sal-4 ta' Lulju 2014. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti sabiex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat l-ammont ta' EUR 911 934.

(4) Għalhekk, il-FEG irid jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Belġju,

---

27 ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
28 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
29 ĠU C […], […], p. […].
30 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 911 934 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*